



Brussell, 8 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

14814/21

FISC 239
ECOFIN 1225

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14653/21 FISC 228 ECOFIN 1203
Suġġett:	Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (7 ta' Diċembru 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), approvati mill-Kunsill fit-3835 laqgħa tiegħu li saret fis-7 ta' Diċembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**dwar il-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)
matul il-Presidenza Slovena**

Il-Kunsill:

1. JILQA' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Slovena, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooerawx f'Ottubru 2021 u r-riforma tal-Kodiċi ta' Kondotta; JILQA' r-rapport tal-Grupp kif jinsab fid-dokument 14230/21 + COR 1 + ADD 1-9;
2. JISTIEDEN lill-Grupp biex ikompli d-djalogu effettiv mal-ġurisdizzjonijiet u l-monitoraġġ, sabiex il-ġurisdizzjonijiet ikomplu jissodisfaw l-impenji rispettivi tagħhom u jikkonformaw mal-kriterji tal-ejenkar tal-UE f'konformità mal-iskadenzi miftiehma; JAPPOĠĠA l-ħidma preparatorja li saret bil-ħsieb li jiġu vvalutati l-ġurisdizzjonijiet rilevanti għall-konformità mal-kriterju 3.2 dwar ir-rapport għal kull pajjiż (CbCR) fid-dawl tal-aġġornament tal-lista tal-UE fl-ewwel kwart tal-2022; JISTIEDEN lill-Grupp biex jitlob impenn mill-ġurisdizzjonijiet fejn xieraq u skont skeda ta' żmien miftiehma mill-Grupp;
3. JILQA' l-effett pożittiv tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-ħidma tal-Grupp dwar it-tnaqqis ta' prattiki tat-taxxa dannużi u t-tnaqqis ta' reġimi fiskali preferenzjali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll globalment; JISTIEDEN lill-Grupp biex jirrifletti dwar modi possibbli 'l quddiem biex jissaħħu l-kriterji u l-proċessi attwali għall-ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi, fejn xieraq;

4. JAPPROVA l-progress li sar fil-valutazzjoni tal-istatus quo u n-notifiki ta' żmuntar mill-Grupp u JITLOB lill-Grupp ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u bl-implimentazzjoni tal-iżmuntar; JILQA' l-monitoraġġ kontinwu tal-effetti reali tal-miżuri individwali;
5. JILQA' l-monitoraġġ li qed jitwettaq mill-Grupp fir-rigward tal-implimentazzjoni tan-noti ta' gwida preċedenti tiegħu u l-progress miksub fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-2017 dwar il-privileġġi tat-taxxa relatati ma' żoni ekonomiċi speċjali;
6. JAPPREZZA r-rapport dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri difensivi fil-qasam tat-taxxa għal ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx; JITLOB lill-Grupp biex ikompli jaħdem f'dan il-qasam, f'konformità mal-Gwida miftiehma, u jirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar aktar progress f'dawn il-kwistjonijiet;
7. JIEĦU NOTA tad-diskussjoni dwar l-interazzjoni bejn il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa u l-listi nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll il-ħidma tal-Forum Globali, inkluż klassifikazzjonijiet u determinazzjonijiet ġodda mill-Forum Globali; JISTIEDEN lill-Grupp biex jimxi 'l quddiem b'din il-ħidma billi jkompli jesplora kif ittejjeb il-proċess ta' elenkar tal-UE bbażat fuq il-progress fil-livell internazzjonali;
8. JISTIEDEN lill-Grupp biex jirrapporta lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Franċiża.